MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 428/2008

**A B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-attrici u l-konvenut D C zzewgu fit-30 ta' Lulju 2005, fir-registru pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-

trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' element essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant, titlob l-attrici sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fit-30 ta' Lulju 2005 fir-registru pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata ta' D C fejn dan eccepixxa:

Illi filwaqt illi l-ecipjenti qed jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jeccepixxi illi tali nullita' hija konsegwenza ta' nuqqasijiet u vizzji fil-kunsens tal-attrici rikorrenti ghaz-zwieg in kwistjoni, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccipjenti m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-2005 wara gherusija ta' seba' snin meta l-mara kellha 26 sena u r-ragel 30 sena. Il-problemi bdew ftit wara z-zwieg u r-ragunijiet li jaghtu l-partijiet ghalihom jikkontrastaw bil-kbir.

L-attrici tghid:

"Jiena nixtieq nghid li D kien il-hin kollu isemmi lil ommu. Kull decizjoni li huwa kien jiehu, anke fuq affarijiet li huwa kellu bzonn jixtri bhall-hwejjeg, huwa kien irid idahhal lil ommu. Il-figura ta' ommu kienet prezenti hafna, anke fid-diskussjonijiet ta' bejnietna, u dan peress li hu kien il-hin kollu jsemmi lil ommu f'kull haga li jaghmel".

"Ghandi nghid li jiena wara hafna insistenza da parti tieghu kont accettajt li nizzewweg, ghalkemm kelli ukoll xi glied mal-familja tieghi, peress li kont accettajt li nizzewgu.

Wara li jiena zzewwigt, il-problemi aktar kibru. Lanqas kienet ghaddiet gimgha wara t-tieg, li D kien jghidli li kien qieghed jimmissja lil ommu u ma setax joqghod taht l-istess saqaf minghajr ommu. Kien qalli ukoll li ried li jiena u hu mmorru noqoghdu ma' ommu, pero' jiena qatt ma kont ridt dan. D kien qieghed ibati fizikament ukoll minhabba dan, u mar anke ghand tabib li kien tah medika kontra d-depressjoni, peress li kien qieghed ibati minn dipressjoni".

Min-naha l-ohra l-konvenut jiddikjara:

"Illi jiena zzewwigt lil A fit-30 ta' Lulju 2005 bir-registru pubbliku kif ukoll bir-rit kanoniku. Il-hajja taghna kienet wahda normali u mbaghad waqt iz-zwieg sirt naf li din kienet qeghda tara l-haddiehor li huwa  E F li huwa maghruf bhala "G". L-gherusija taghna kienet wahda normali u qatt ma kellna problemi. Il-problema fiz-zwieg taghna bdew meta jiena skoprejt xi messaggi fuq il-mobile ta' A li uhud minnhom kienu jghidu "ejja niltaqghu l-kazin", "nigi nhallsek jiena", "kemm int sabiha", "niltaqghu fl-4.30 ta' filghodu" u ohrajn simili. Iz-zwieg tkisser b'nuqqas minn

taghha tant li jeina ndunajt li din uzatni u peress li lanqas ilhaqna zzewwigna li bdiet tikkummiedja. Jiena tant hadtha bi kbira li waqajt f'dipressjoni. Lanqas lahqu ghaddew ftit ta' snin li ma bdejniex il-proceduri ghas-separazzjoni. In fatti jiena skoprejt li din spiccat fuq il-Hi5 addirittura ma' persuna ohra mill-Egittu u san anke ma' min kienet dan il-barrani ikkummenta fuq ritratt minn taghha "this is my wife". Ma hemmx dubju li f'dan iz-zwieg hi ma kinitx kapaci tiehu r-responsabbilita' tieghu ghax ma gabitx ruhha ta' mara li ghandha gudizzju serju ghall-hajja mizzewga u naqset serjament sa kissret iz-zwieg fid-dmirijiet u d-drittijiet mitluba minnha fiz-zwieg".

Il-Qorti tibda biex tinnota li ghalkemm fliet il-ftit provi prodotti b'reqqa, ma sabet xejn li seta' b'xi mod iressaqha ghall-konsiderazzjoni ta' tnejn miz-zewg vizzji tal-kunsens allegati. Ma jidher minn imkien mill-provi li xi hadd mill-partijiet kien vittma ta' xi qerq da parti tal-ohra. Lanqas li kien hemm xi eskluzjoni pozittiva taz-zwieg da parti tar-ragel f'dan iz-zwieg, kif allegat l-istess rikorrenti. Ghaldaqstant, dawn iz-zewg kawzali qed jigu skartati minnufih.

Ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina il-possibilita' li f'dan iz-zwieg, il-partijiet jew xi wahda minnhom kien qieghed ibati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju tali li rrenda l-kunsens ghaz-zwieg vizzjat.

Il-vizzju ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju gie interpretat u applikat minn dawn il-Qrati kif jidher mis-sentenzi:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that*

*is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”* (‘**Janet Portelli vs Victor Portelli’**, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Awissu, 1995)

“Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.” **(‘Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri’,** deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995)

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, il-provi dwar kif svolgiet l-istorja huma tant kontrastanti li l-Qorti ssibha difficli tifhem li l-partijiet qed jitkellmu dwar l-istess relazzjoni. L-attrici ssemmi li zewgha baqa’ marbut wisq ma’ ommu. Il-Qorti ma ssib li din l-asserzjoni ma giet sorretta bl-ebda xhieda ohra. Hi tghid li telaq ghand ommu meta beda l-inkwiet. Il-Qorti ma ssib xejn stramb f’dan stante li hu ghamel hekk meta kellu aktar minn hjiel tkun fidili lejh. Dan il-fatt, l-attrici ma kkontestatu bl-ebda mod.

L-attrici tpingi xenarju fejn kien il-konvenut li kwazi sfurzaha biex tizzewweg. Il-Qorti ssibha inverosimili. Il-partijiet damu johorgu flimkien snin qabel ma zzewgu. L-attrici kienet tahdem. Ma taghtix impressjoni li cediet ghal xi pressjoni biex tizzewweg. Fil-fatt ma ngabet ebda prova ta’ dan ghajr id-dikjarazzjoni pjuttost fjakka taghha.

Il-partijiet it-tnejn isemmu li f’xi mumenti, il-konvenut kien qieghed ibati minn dipressjoni. L-attrici tghid li dan kien minhabba l-fatt li ried imur lura ghand ommu. Zewgha

jghid li beda hekk ibati meta bdew il-problemi fiz-zwieg. Madanakollu, il-Qorti ma tqisx li hekk minghajr imqar certifikazzjoni medika, tista', minn xi psikjatra jew psiko-analista , taghti piz lil dan il-fatt.

Lil hinn mid-dikjarazzjonijiet indipendenti taz-zewg partijiet, il-Qorti tqis li l-aqwa apprezzament ta' din ir-relazzjoni setghet taghmlu meta fliet il-print-out ta' diskussjoni li kellhom il-partijiet bejniethom fuq l-internet. Din id-diskussjoni tirrifletti s-sitwazzjoni pjetuza fejn, kieku l-partijiet fittxew ghajnuna fil-mument li nqala' l-ewwel dizgwid bejniethom, kienu jgawdu almenu possibilita' li jsalvaw ir-relazzjoni u jevitaw il-hafna kuntrumbajsi li qed jippruvaw jaghmlu sabiex jittantaw jinhallu minn din ir-rabta.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li ma giex pruvat fi grad li tirrikjedi l-ligi li l-partijiet jew xi wiehed minnhom kien ibati b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba ghaliex mhux pruvata.

L-ispejjez jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------